# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tallum it-Tlieta 14 ta' Marzu 2017**

**Kawza Numru : 25**
**Rikors Guramentat Numru : 163/2017/LSO**

**Wara l-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 525/14/LSO**

**John's Group Limited (C11352) u Power Plan Limited (C18822)**

**vs**

**George (KI 432865(M)) u martu Katherine (KI471800(L)) konjugi Farrugia**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta' Katherine Farrugia datat 15 ta' Frar 2017 fejn esponiet :-

Ir-rikorrenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka l-effetti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 528/14 fl-ismijiet fuq citati limitatament kwantu dan l-istess mandat jista' jolqot il-propjeta' sehem indiviz wiehed fuq sitta u hamsin [1/56] li jappartjeni lir-rikorrenti fuq il-propjeta` segwenti u cioe`:

(a) Porzjon ta' art fi Triq Jean de la Vallette, Naxxar, liema art fiha kejl ta' circa erba' mija u wiehed u tletin metru kwadru [431$m^2$] konfinanti mill-punent mat-Triq u mill-irjiehat l-ohra ma' beni tas-successuri fit-titolu ta' Angelo Ciappara jew irjieh verjuri;

(b) Porzjon ta' art fi Triq San Pubbliju, kantuniera ma' Triq Hal Musulmett, Naxxar, liema art fiha kejl ta' circa mija erbgha u ghoxrin metri kwadri [124$m^2$] konfinanti mil-lvant ma' Triq San Pubbliju, minn nofs inhar ma' Triq Hal Musulmett, u mill-irjieh l-ohra ma' beni tas-successuri fit-titolu ta' Angelo Ciappara jew irjieh verjuri;

u dana taht kwalsiasi provvediment li din l-istess Onorabbli Qorti jogobha xierqa.

Rat id-digriet tal-21 ta' Frar 2017 (fol 38) fejn il-Qorti ordnat n-notifika lill-kontro parti li permezz ta' nota fi zmien sebat ijiem min-notifika tal-istess ghandhom jaghtu r-ragunijiet ghaliex it-talbiet tar-rikorrenti m' ghandhomx jintlaqghu; u

appuntat ir-rikors ghas-smigh ghas-seduta tal-14 ta' Marzu 2017 f'12:30pm.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 14 ta' Marzu 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr David Farrugia Sacco u Dr John Mizzi. Dr Mizzi ghar-rikorrenti odjerna, prezenti fl-Awla, iddikjara li l-proprjeta` li ghaliha sar ir-rikors odjern mhix il-proprjeta` indikata fil-Mandat ta' Inibizzjoni originali 525/2014/LSO. *In visto* ta' dik ivverbalizzat, Dr Farrugia Sacco ddikjara li mhux joggezzjona li l-Qorti tawtorizza l-bejgh, u rrimetta ruhu rigwardanti l-porzjoni art fi Triq Jean De La Vallette, in-Naxxar u fi Triq San Publiju n-Naxxar. Il-kawza giet differita ghal digriet kamerali.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz tar-rikors odjern ir-rikorrenti qed titlob li l-proprjeta' hemm deskritta lilha provenjenti minn wirt tigi eskluza mill-effetti tal-Mandat ta' Inibizzjoni premessa.

Ikkonsidrat li l-proprjetajiet imsemmija mhumiex indikati specifikatament fil-Mandat ta' Inibizzjoni premessa. Madanakollu hemm qbil dwar it-talba izda fic-cirkostanzi din il-Qorti ser taddebita l-ispejjez tal-proceduri odjerni lir-rikorrenti.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Ghaldaqstant *in vista* ta' dak verbalizzat taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba u tirrevoka l-effetti tal-Mandat ta' Inibizzjoni

numru 528/14 fl-ismijiet premessi in kwantu li tali mandat jista' jolqot il-proprjetajiet segwenti u cioe`:-

(a) Porzjon ta' art fi Triq Jean de la Vallette, Naxxar, liema art fiha kejl ta' circa erba' mija u wiehed u tletin metru kwadru [431m$^2$] konfinanti mill-punent mat-Triq u mill-irjiehat l-ohra ma' beni tas-successuri fit-titolu ta' Angelo Ciappara jew irjieh verjuri;

(b) Porzjon ta' art fi Triq San Pubbliju, kantuniera ma' Triq Hal Musulmett, Naxxar, liema art fiha kejl ta' circa mija erbgha u ghoxrin metri kwadri [124m$^2$] konfinanti mil-lvant ma' Triq San Pubbliju, minn nofs inhar ma' Triq Hal Musulmett, u mill-irjieh l-ohra ma' beni tas-successuri fit-titolu ta' Angelo Ciappara jew irjieh verjuri;

Il-Mandat ta' Inibizzjoni jibqa' validu u vigenti ghar-rigward tal-bqija.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti odjerna.**

**Degretat.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**14 ta' Marzu 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**14 ta' Marzu 2017**